MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1313/1992/1

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Albert Pullicino**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:

Illi l-konvenut, fil-11 t' April 1991, waqt li kien qed ihaffer fl-inhawi ta' Santa Margherita, Mosta, laqat zewg cables proprjeta' tal-attur nomine;

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija cables jammontaw ghal LM 578.23,8 (hames mija u tmienja u sebghin liri maltin tlieta u ghoxrin centezmu u tmien millezmi);

Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra legali datata 20 t’Awissu 1991 u ittra ufficjali datata Mejju 1992 huwa baqa’ inadempjenti;

Ghahekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din il-Qorti: -

1) tiddikjarah responsabbli ghall-hsara kkawzata f’proprjeta’ tal-attur nomine fl-inhawi ta’ Santa Margherita, Mosta, fil-11 t’April 1991;

2) tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm578.23,8 in linea ta’ danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta’ kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 20 t’ Awissu 1992 u tal-ittra ufficjali datata Mejju 1992, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-guramrnt u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur nomine;

2. Illi Anthony Ventura ghandu jipprova illi huwa jinsab awtorizzat jirrappresenta l-korporazzjoni attrici;

3. Illi l-eccipjent ma kkawza ebda dannu lill-korporazzjoni u certament ma kkawza ebda dannu dolozament jew negligentement;

4. Illi f' kaz jirrizulta illi b'xi mod l-eccipjent fizikament ikkawza xi dannu lill-korporazzjoni Enemalta u ghandu jigi kkjamat fil-kawza il-proprjetarju tal-land in parola senjatament Patrick Paris;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti jigi relevat illi s-somma pretiza inlinea ta' danni hija ezagerata;

6. Illi f'kaz illi jirrizulta illi s-somma pretiza hija ezagerata it-tieni talba tal-attur nomine ghandha tigi michuda "in toto" bhala ma hemm ebda talba "ut sec" ghal likwidazzjoni fic-citazzjoni attrici;

7. It-talba ghall-hlas tal-imghax mid-data tal-hsara hija nsostenibbli u id-data ta' dekorrenza tista tkun bin iod-data illi fiha l-eccipjent gie notifikat b' interpellanzi gudizzjarja ghall-hlas u dan naturalment biss jekk l-eccezzjoni precedenti tigi michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Frar 1993 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Huntingford bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Jannar 1995 li bih gie sostitwit il-perit tekniku gia nominat u gie nominat minflok L-AIC David Pace bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2004;

Semghet il-perit tekniku l-AIC David Pace imsejjah mill-konvenut;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Il-korporazzjoni attrici tippremetti li fil-11 t'April 1991 il-konvenut kien qed ihaffer fl-inhawi ta' Santa Margherita, Mosta u laqat zewg cables tal-istess korporazzjoni attrici. Bhala konsegwenza l-istess korporazzjoni attrici sofriet danni ammontanti ghal hames mija u tmienja u sebghin liri maltin tlieta u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm578.23,8). Ghalhekk il-Korporazzjoni attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Il-konvenut qed jeccepixxi li trid issir il-prova li Anthony Ventura hu awtorizzat jirrappresenta l-korporazzjoni attrici. Jeccepixxi ukoll li huwa ma kkawza ebda dannu lill-korporazzjoni u certament ma kkawza ebda dannu dolozament jew negligentement. Huwa jissottometti li ghandu jigi kjamat fil-kawza l-proprjetarju Patrick Paris. Inoltre jeccepixxi li s-somma pretiza in linea ta' danni hi ezagerata u f'kaz li din l-eccezzjoni tirrizulta t-tieni talba ghandha tigi michuda "in toto" stante li ma hemmx talba ghal-likwidazzjoni tad-danni. Finalment jeccepixxi li t-talba ghall-hlas tal-imghax mid-data tal-hsara mhux nsostenibbli u semmai l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-eccipjenti gie notifikat b' interpellanzi gudizzjarja ghall-hlas;

Gie nominat perit tekniku li esamina b'mod approfondit il-provi kollha prodotti mill-partijiet. Huwa kkonsidra li l-verzjoni offerta mix-xhieda prodotti mill-korporazzjoni attrici hi aktar kredibbli u ghalhekk hu aktar verosimili li b'xi mod fortuwitu l-konvenut kixef il-medda u ghadda minn fuqha. Konsegwentement l-abbli perit tekniku kkonkluda li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali;

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni relattivi l-perit tekniku kkonkluda li l-ammont pretiz mill-korporazzjoni attrici hu gust u gusifikat. Ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti in kwantu li l-konvenut ghandu jigi tenut responsabbli tal-hsara in kwestjoni li grat fil-cables tal-korporazzjoni attrici u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kundannat jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin lira maltin, tlieta u ghoxrin centezmi u tmien millezmi (Lm578.23,8) ghar-riparazzjoni tal-hsara;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-abbli perit tekniku u hasbet fit-tul dwar il-kostatazzjonijiet kollha li ghamel u l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Il-Qorti taqbel mal-istess konkluzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti tbiddel jew tvarja l-istess konkluzjonijiet;

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu michuda b'dan illi ma saret ebda prova kontrarja ghar-rigward tal-mandat mghoti lill-attur nomine biex jirrappresenta lill korporazzjoni attrici. Del resto l-korporazzjoni attrici ghandha il-jedd li tkun f'dan il-gudizzju anke jekk mhux rappresentata. B'dan ukoll li l-imghaxxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza stante li l-ammont in kwestjoni gie likwidat b'mod definittiv f'dawn il-proceduri;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u dana fis-sens kif indikat aktar il-fuq fil-presenti sentenza u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-hsara kkawzata f'proprjeta' tal-korporazzjoni atrici fl-inhawi ta' Santa Margherita, Mosta, fil-11 t'April 1991 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin liri maltin, tlieta u ghoxrin centezmi u tmien millezzmi (Lm578.23,8) in linea ta' danni

sofferti mill-korporazzjoni attrici bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta' kif jinghad fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------